Minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 02 ta' Diċembru 2015 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
    a. Minuti 55/7 – 19 ta' Ottubru 2015
    b. Minuti 56/7 – 04 ta' Novembru 2015
    c.. Minuti 57/7 – 25 ta' Novembru 2015

2. Komunikazzjonijiet:
    a. Sindku
    b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:
        i. Viċi Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:
    a. Ilmenti

4. Skema ta' parkeġġ residenzjali – Infurzar mil-LESA (Local Enforcement System Agency)

5. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2016 - programm

6. Finanzi:
    a. *Petty Cash*
    b. Skeda ta' Pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Xogħlijiet pendenti

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

## Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti:</u>**

**<u>a. Minuti 55/7 – 19 ta' Ottubru 2015</u>**
**<u>b. Minuti 56/7 – 04 ta' Novembru 2015</u>**
**<u>c. Minuti 57/7 – 25 ta' Novembru 2015</u>**

1.1 Il-minuti dwar dawn il-laqgħat ġew ċirkulati qabel din il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija. Wara li ġew meħuda bħala moqrija, dawn il-minuti kif indikati hawn fuq ġew ukoll approvati nem con.

1.2.0 Punti li tqajmu mill-minuti.

1.2.1 Is-Sur Baldacchino għamel referenza għad-deċiżjoni u approvazzjoni tal-Kunsill li wara s-1.30pm il-Kunsill jagħmel il-ħidma tiegħu amministrattiva mill-post 88 Triq R. Caruana (liema binja għandha l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li jkun il-bini tal-amministrazzjoni tal-Kunsill) u talab konferma li dan huwa skop ta' ħidma amministrattiva biss u li l-Kunsill ma jkunx miftuħ għal pubbliku peress li dan il-bini mhux ikkonsidrat aċċessibbli speċjalment għall-anzjani u persuni b'diżabilità. Dwar dan il-punt il-Kunsill ġie infurmat li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għandha bżonn ħin li tkun tista' tieħu ħsieb u tħares dak meħtieġ dwar rapporti u dokumentazzjoni u ħidma oħra dwar finanzi u dak kollu li jkun hemm bżonn tal-awditjar tal-ħidma u finanzi tal-Kunsill.

Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li mhux possibbli li jinġarru dawn id-dokumenti u ssir ħidma effiċjenti kif mixtieqa mill-post ġewwa l-bini tal-librerija G. Zammit minħabba limitazzjoni ta' spazju kif ukoll interruzzjonijiet oħra.

Il-Kunsill aċċetta l-ispjegazzjoni u reġa' kkonferma li wara s-1.30pm il-ħidma tal-amministrazzjoni tkompli fil-binja l-oħra tal-Kunsill 88 Triq R. Caruana, il-Gudja.

**2.0 <u>Komunikazzjonijiet</u>**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Proġett ta' żewġ kmamar li jmissu mal-librerija G Zammit, fis-sular t'isfel tal-iskola primarja tal-Gudja, Kulleġġ San Benedittu. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill diġà għamel rapport preliminarju dwar dan u jidher li hemm bżonn li l-art tinżel bi 8 pulzieri sabiex il-kmamar ikunu tal-istess livell.

Jidher li hemm bżonn li jinfetaħ bieb ieħor mat-triq u xi twieqi. Hemm bżonn ta' *toilets* u *anti-room* u dan jeħtieġ li jkun qrib medda ta' drenaġġ li tkun qrib tappiera.

Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jipproċedi sabiex il-Kunsill jikseb il-permessi meħtieġa u ssir stima tal-ispejjeż sabiex dan il-proġett jiġi finalizzat kemm jista' jkun malajr. Il-

Kunsill qabel ukoll li jitlob lid-diriġenti tal-Kulleġġ San Benedittu (li fi ħdan dan il-Kulleġġ San Benedittu hemm l-Iskola Primarja tal-Gudja) u awtoritajiet konċernati sabiex il-Kunsill ikun jista’ jidħol fi ftehim finali għaż-żmien fit-tul sabiex il-Kunsill ikun jista’ jiġġustifika l-ispiża kif ukoll joffri faċilità u ħidma meħtieġa lill-komunità tal-Gudja li l-Kunsill jirrappreżenta.

2.1.2 Art ikkonsidrata għall-bini tal-Kunsill:

i. Fuq il-ġibjun tax-Xlejli, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-każ fejn il-Pada Builders kienet diġà talbiet is-somma ta’ madwar €25000.00 mingħajr ġustifikazzjoni liema talba ġiet rifjutata mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li peress li din it-talba qiegħda wkoll fil-proċess tal-Arbitraġġ, il-Kunsill għandu jitlob parir legali dwar jekk xi deċiżjoni tal-Kunsill li jagħżel li jsiru fuq dan il-ġibjun tkunx ta’ preġudizzju għall-Kunsill.

ii. Art qrib il-Palazz fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi d-Dipartiment tal-Artijiet għadu ma weġibx dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel pressjoni sabiex jikseb risposta pożittiva.

iii. Art fi Triq il-Markiża, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat illi d-Dipartiment tal-Artijiet għandu ma weġibx dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel pressjoni sabiex jikseb risposta pożittiva.

iv. Il-Ġnien tal-Kmand fl-inħawi ta’ Bir Miftuħ. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li dak il-lok seta’ kien bini pubbliku u għalhekk għandu jikseb tagħrif dwar il-possibilità li jiġi wkoll ikkonsidrat għal skop ta’ bini għall-Kunsill.

v. Binja fi Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill huwa tal-fehma li għadu mhux f’pożizzjoni li tittieħed deċiżjoni finali dwar dan is-sit.

2.1.3 Qtates li jisservew fi Triq il-Lewż u fi Triq Ħal Resqun. Is-Sindku qal li qed jiġi nnutat l-ammont kbir ta’ qtates li qed iqattgħu l-boroż ta’ skart li qed iħammġu l-ambjent. Is-Sindku qal li hemm bżonn l-għajnuna sabiex il-qagħda ma tmurx għall-agħar.

2.1.4 Ilma li jiskula minn Triq Birżebbuġa. Is-Sindku informa l-Kunsill illi qed ikun hemm ilmenti li l-ilma li jiskula minn Triq Birżebbuġa u parti minn Triq il-Kbira qed ikun ta’ periklu u qed jagħmel ħsara meta jibqa’ nieżel fl-għelieqi ta’ dawn l-inħawi. Saret diskussjoni bil-punt ewlieni kien li fi triq ġdida l-ilma li kellu jibqa’ jimxi u jiżbokka minn parti ta’ Triq Birżebbuġa fil-kampanja sal-ġibjuni (kif kien qed isir) issa spiċċa jieqaf milli jiżbokka u jiskula kif kien qed issir fil-passat.

Is-Sindku wieġeb li xogħlijiet saru skont is-*surveyor* u bis-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrimarka li seta’ kien hemm xi direzzjoni sabiex l-ilmijiet ma jkomplux jiskulaw fit-trejqa fil-kampanja kif kien qed issir qabel.

Is-Sindku kkonferma li huwa ma kellu l-ebda ftehim mal-Perit inkarigat sabiex l-ilma ma jkomplix jiskula fit-trejqa fil-kampanja. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Perit sabiex jagħmel ir-riċerka meħtieġa sabiex l-ilma minn Triq Birżebbuġa, Triq Ħal Safi u biċċa minn Triq il-

Kbira jkun jista' jiskula minn Triq Birżebbuġa u anke qalb il-kampanja u jibqa' sejjer salġibjuni li hemm fit-tarf ta' din l-istess triq.

Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel li jinkisbu 3 kwotazzjonijiet dwar li jiġi mifqugħ il-blat fil-biċċa art mill-għelieqi fit-tarf ta' Triq Birżebbuġa u b'hekk ma jkunx hemm magħqad tal-ilma u lanqas li l-għelieqi jinfaqgħu bl-ilma tax-xita u li din il-proposta ma għandux jiġi kkonsidrat bħala ftehim li jibda xi xogħol dwar dan.

2.1.5 Venda fil-Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill apprezza li issa bir-rotta 88 li hija l-istess rotta tax-xarabank nru 8 (li kienet teżisti għas-servizz qabel is-servizz beda jingħata mill-Arriva). Il-venda reġgħet ġiet fil-Gudja. Dan ifisser li hemm il-ħtieġa ta' restawr tal-bus terminus (li kien jeżisti) u li jitneħħew parkeġġ li kienu ġew provduti fl-istess spazju tal-bus terminus. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sindku.

2.2.0 Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri

2.2.1 Viċi Sindku

a. Tneħħija ta' skips fi Triq J. Gravina, il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li minn mindu tneħħew dawn l-iskips, il-post qed jinżamm nadif u waqaf l-abbuż. Is-Sur Baldacchino qal li issa hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi mqaċċat il-pal tal-bajtar li jinsab ħiereġ minn fuq il-ħajt u li qed jostakola l-parkeġġi.

b. Skips fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Baldacchino qal li peress li dan l-iskips ukoll qed jiġu abbużati u qed issir miżbla, dawn l-iskips għandhom jitneħħew b'mod immedjat. Saret diskussjoni fejn ġie stabbilit li l-abbuż qed isir minn nies irresponsabbli u li dawn mhux residenti ġewwa l-Gudja.

c. Konsiderazzjoni ta' skips għal skart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li peress li hemm il-ħsieb li l-ġbir tal-iskart domestiku ssir kuljum, inkluż ħdud u festi, ċertu skips ħodor ikunu jistgħu jitneħħew u jinżammu biss dawk verament neċessarji li ma jkunux jistgħu jiġu abbużati. L-iskip il-ħadra fil-bidu ta' Trejqet il-Barunissa u fi Vjal it-Torri ma Triq San Ġorġ jistgħu wkoll jiġu mneħħija meta jkun hemm servizz ta' ġbir ta' skart sebat ijiem fil-ġimgħa.

d. Servizz ta' Green warden. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li l-Kunsill ikun jaf kemm hemm sigħat mogħti lill-Kunsill għal dan is-servizz. Il-Kunsill għandu jagħmel pjan u strateġija sabiex jikseb dan is-servizz meħtieġ.

e. Xiri ta' *dustbins* u bin għal ġbir ta' ħmieġ tal-klieb. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn li jinxtraw 6 *dustbins* sabiex jibdlu dawk qodma u li huma mkissrin fid-diversi nħawi tal-Gudja. Hemm bżonn ta' xiri ta' bin għall-ġbir ta' ħmieġ tal-klieb sabiex din tiżdied ma' dawk eżistenti. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u li jsir il-finanzjament mill-Kunsill kif ikun meħtieġ.

f. Xogħol mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar ix-xogħol li qed jagħmlu mal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dawn il-ħaddiema qed jagħmlu

diversi xogħlijiet ta' żebgħa, manutenzjoni u xogħol ieħor skont il-kompetenza u l-ħila tagħhom.

g. Xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar il-programm ta' manutenzjoni f'dan il-Ġnien R. Caruana. Is-Sindku wieġeb li huwa maħsub li jsir xogħol sabiex ineħħi l-periklu fl-art, u ċangatura u li jinqatgħu l-għeruq tas-siġar u jiddawru bil-konkos sabiex ma jkomplux jagħmlu ħsara. Is-Sindku fakkar ukoll illi xi żmien ilu l-Kunsill kien għamel it-talbiet tiegħu lill-Ministeru tax-Xogħlijiet u li l-Kunsill kien ġie mwiegħed li dawn ix-xogħlijiet kienu sejrin jiġu konsidrati fil-bidu tas-sena 2016.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Terrapin 'l isfel mill-barumbara lejn il-ġibjun f'Burġlat, il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li dan qed joħloq inkonvenjent u periklu. Is-Sindku qal li sejjer ineħħi dan kif ukoll munzell fi Triq Pasmore meta l-Kunsill sejjer jikri gaffa li tkun tista' tintuża għal dan ix-xogħol.

ii. Laqgħat mal-Pulizija. Is-Sur Sammut staqsa lis-Sindku dwar il-possibilità li ssir laqgħa mal-Ispettur taż-Żejtun dwar l-analiżi tal-mistoqsija Parlamentari dwar kriminalità fil-Gudja. Is-Sindku wieġeb li minkejja dak li qal fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill din l-informazzjoni li ngħatat fil-Parlament kienet kompletament korretta. Is-Sur Sammut stqarr li l-laqgħa mal-Ispettur mill-Għassa taż-Żejtun hija għalhekk neċessarja u urġenti sabiex waqt li jkun hemm analiżi u kjarifika tista' wkoll tinkiseb il-protezzjoni tal-Pulizija u b'hekk tonqos il-kriminalità u tiżdied is-sigurtà ġewwa l-Gudja

b. Demelsa Grech

i. Kors ta' *beading*. Sa. Grech qalet li issa tinsab f'pożizzjoni li tinforma lill-Kunsill dwar l-arranġamenti. Ħlas ta' użu ta' sala/post €150; lezzjonijiet 10 bi ħlas għall-għalliema ta' €25.00 kull lezzjoni ta' sagħtejn ie €250.00. Ġurnata l-Ġimgħa u ħin mill-5pm sas-7pm. Ħlas għall-persuni residenti fil-Gudja €10.00 u persuni barra mill-Gudja €15.00. Il-Kunsill approva dak propost u li tintbagħat ċirkulari meta tiġi stabbilita d-data ta' meta sejjer jibda dan il-kors.

c. Stefan Caruana

i. *Youth Village*. Is-Sur Caruana qal li xtaq jirringrazzja lill-Kunsill tas-sapport u sostenn tiegħu għas-suċċess ta' din l-attività nazzjonali li seħħet ġewwa l-Gudja. Is-Sur Caruana qal li l-ET l-Presidenti ta' Malta stqarret miegħu li kien ta' unur għaliha li ltaqgħet mas-Sindku u Kunsillieri tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li l-ET Marie Louise Coleiro Preca xtaqet li tpoġġi qalb iż-żgħażagħ u għalhekk ma kienx hemm xi arranġamenti speċjali fejn tpoġġi l-President ta' Malta.

ii. Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana qal li din l-attività sejra isseħħ fl-20 ta' Diċembru 2015 li tibda fl-4pm u li tieħu sad-9.00pm biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Fi ftit kliem il-programm li sejjer iseħħ ħdejn il-Kappella tal-Annunzjata (Triq Sta Marija ma' Triq l-Annunzjata) huwa dan:- purċissjoni bil-bambin, *plays* mit-tfal, presepju ħaj, kunċert ta' kor u kunċert minn kwartett, wirja ta' presepji u ċelebrazzjoni ta' Quddiesa għall-okkażjoni. Il-baġit u finanzjament huma stmat li jilħaq il-€500.00 li jinqasmu hekk: €220 kunċert u €200 kors u xi spejjeż żgħar oħra. Il-*wardens* sejrin ikunu maqlugħa finalment imqabda mir-Reġjun. Sejjer ikun hemm powster approvat li jidher ukoll fil-*media* soċjali.

iii. Kunċert fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali nhar id-19 ta' Diċembru 2015 fis-7.30pm. Is-Sur Caruana qal li dan huwa kunċert annwali u huwa ferm popolari u mistenni speċjalment mir-residenti tal-Gudja. Dan il-kunċert li huwa sponsorjat mill-Kunsill sejjer jiswa €300.00. Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Caruana u li jagħmel il-finanzjament kif ikun meħtieġ.

2.3 Korrispondenza

## 3.0 Rapporti

3.1 Ilmenti.

## 4.0 Skema ta' parkeġġ residenzjali – Infurzar mil-LESA (Local Enforcement System Agency)

4.1 Is-Sindku spjega li aktar minn tliet snin ilu kien sar eżerċizzju u kienet ġiet approvata *Residential Parking Scheme* fil-Gudja. Minħabba xi ċirkustanzi jidher li matul dan iż-żmien din l-iskema ta' *Residential Parking* ma ġietx infurzata iżda fl-ebda ħin jew b'xi mod il-Kunsill ma ġie imwaqqaf jew mitlub li jneħħi sinjali jew tabelli li juru li f'ċerti inħawi fil-Gudja qed tiġi mħaddma s-sistema ta' *Residential Parking.* Jidher illi fi ftit ġranet qabel u waqt li fil-Gudja kien hemm l-attività tal-JChallenge – Youth Village, il-*wardens* taw diversi ċitazzjonijiet fosthom anke lil dawk il-persuni li kienu jew residenti fil-Gudja iżda li l-vettura ma kinitx reġistrata fuq indirizz fil-Gudja jew lil xi persuni li kienu qed jindokraw jew jinvistaw lill-qraba tagħhom fil-Gudja.

F'dan l-istadju l-kunsillier is-Sur Caruana qal li peress l din l-iskema ta' *Residential Parking* ma kinitx uffiċjalment atwata, kien qed iħossu ddispjaċut għaliex bħalma ġara s-sena l-oħra, attività li tkun qed tagħti ġieħ lill-Gudja tiġi mtebba' xi forma ta' ċitazzjoni dwar kontravenzjoni frivola li ma kinitx qed tiġi nfurzata matul is-sena u żminijiet oħra. Is-Sur Caruana qal li wieħed kien qed iħoss li dawn il-*wardens* ġew mitluba sabiex jiġi jwettqu din il-ħidma matul il-ġranet fejn kienet qed tittella' din l-attività u mhux fi ġranet oħra. Is-Sindku wieġeb li meta huwa ndaħal is-sena l-oħra għamel hekk għaliex kien hemm karozza f'nofs tat-triq li kienet ta' ostakolu u li setgħet li taqla' l-inkwiet. Is-Sindku qal li din is-sena huwa la talab għal *wardens* u lanqas kien jaf li kienu ġejjin il-*wardens* sabiex jinfurzaw is-sistema tar-*Residential Parking* u għalih din kienet sorpriża. Is-Sur Caruana qal li kien ġie nnutat li jidher li ħarġu xi permessi sabiex xi persuni li ma jkollhomx il-vettura reġistrata fuq indirizz ġewwa l-Gudja jkun jistgħu jipparkjaw fuq kaxxi blu f'ħin illimitat. Il-Kunsill ġie infurmat li ħarġu biss żewġ permessi speċjali, b'mod

temporanju u dan sabiex kemm jista' jkun ma jkunx hemm ħsara għar-residenti tal-Gudja għaliex is-sistema tar-*Residential Parking* għandha tidħol fis-seħħ sabiex tħares l-aħjar interessi tar-residenti tal-Gudja u mhux viċi versa. Il-Kunsill ġie wkoll infakkar li din is-sistema ta permessi speċjali kienet diġà ġiet deċiża żmieni lu meta l-Kunsill kien ngħata l-approvazzjoni li jamministra r-*Residential Parking Scheme.* Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi jitlob lil-LESA (is-Sur Ray Zammit u lis-Sa Elizabeth Vassallo) sabiex dawn iċ-ċitazzjonijiet li ħarġu dan l-aħħar dwar l-osservanza jew nuqqas dwar ir-*Residential Parking Scheme* jiġu rtirati.

Il-Kunsill ġie wkoll infurmat li kull *Residential Parking Scheme* għandha bżonn li tiġi mħarsa b'avviż legali kif ġew mħarsa *Residential Parking Schemes* f'postijiet oħra.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jitlob lil-LESA illi sakemm ir-*Residential Parking Scheme* approvata tiġi mħarsa bil-formalitajiet neċessarji, ma joħorġux ċitazzjonijiet dwar min jipparkja l-vettura f'postijiet immarkati blu jew li jsiru arranħamenti oħra.

Il-Kunsill iddeċieda illi peress li l-Kunsill qatt ma rċieva xi direzzjoni sabiex iwaqqaf is-sistema dwar l-infurzar tar-*Residential Parking Scheme*, il-Kunsill għandu jżomm is-sinjali ta' linji blu kif ukoll tabelli dwar ir-*Residential Parking* kif diġà eżistenti u li jista' jagħmel arranġamenti sabiex tħares l-interess tar-residenti tal-Gudja.

Il-Kunsill wera x-xewqa li fil-pożizzjoni dwar *Residential Parking Scheme* l-Gudja għandha tingħata l-importanza tagħha daqs postijiet oħra peress li qed issofri minħabba parkeġġ ta' vetturi ta' persuni kemm iżuru l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja kif ukoll minn persuni li jħallu l-vetturi tagħhom ġewwa l-Gudja meta jsiefru anke għal żmien fit-tul.

## 5.0 <u>Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2016 – programm</u>

5.1 Is-Sur Caruana qal li xtaq li jirringrazzja lis-Sur Charlie Zammit għat-tiżjin ta' diversi toroq liema tiżjin ma jużax elettriku iżda xorta waħda iżejjen speċjalment matul il-ġurnata. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera l-oħra kollha ngħaqdu ma' dan ir-ringrazzjament lis-Sur Zammit.

5.2 Is-Sur Caruana stieden lil kulħadd sabiex jattendu kemm għal kunċert tal-Milied kif ukoll għall-attività Milied ta' Dari u li jinkoraġġixxu qraba u ħbieb sabiex huma wkoll jattendu u jieħdu sehem sabiex filwaqt li jkunu jieħdu gost ikunu wkoll jagħmlu dawn l-attivitajiet suċċess minn kull aspett.

## 6.0 <u>Finanzi</u>

6.1 *Petty Cash*. Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Ottubru 2015 għall-ammont ta' €51.37 skont kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2015 (skeda 27/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €16344.07 u li jinżamm xi pagamenti (għalkemm approvati) skont kif ikun intqal aktar 'il fuq f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa.

6.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill għamel referenza għal xiri u xogħlijiet, servizzi u materjal kif ikun imsemmi aktar 'il quddiem f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa u qabel li jipproċedi bil-finanzjament kif u meta jkun meħtieġ.

**7.0 <u>Xogħlijiet pendenti</u>**

7.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-lista ta' xogħlijiet pendenti 'Dok A' u li dwarhom sejjer ikun infurmat minn żmien għal żmien.

**8.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>**

8.1 Impjieg ta' persuni b'diżabilità – aċċettazzjoni ta' skema.

8.2 GAL Xlokk. Approvazzjoni ta' sħubija u pagament ta' €2500.00 kif mitlub.

8.3 Ikla annwali. Is-Sindku qal li tkun ħaġa sabiħa li ssir ikla annwali sabiex il-membri kollha tal-Kunsill kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill ikunu jistgħu jiċċelebraw flimkien il-bidu ta' sena ġdida 2016 f'atmosfera ta' ħbiberija. Il-Kunsill għandu jimxi mal-provediment tal-memo li kienet inħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda huma mistiedna wkoll il-partners u li dan ikun ġentilment iħallsu s-sehem tagħhom. Din is-sena din l-ikla sejra fil-lok u data u l-ħin li tiġi avżata aktar tard.

8.4 Approvazzjoni ta' pagament dwar onorarja.

8.5 Awguri. Is-Sindku qal li peress li din hija l-aħħar laqgħa qabel il-Milied u l-aħħar tas-sena huwa xtaq li jagħti l-isbaħ l-awgurju tiegħu lill-membri u l-istaff kollu tal-Kunsill u jibgħat ukoll l-isbaħ awguri lill-Gudjani kollha kemm dawk residenti kif ukoll lil dawk li jinsabu residenti barra mill-Gudja jew jgħixu barra minn xtutna.

Il-Viċi Sindku u kunsilliera u staff tal-Kunsill jirreċiprokaw dawn l-awguri u ngħaqdu mas-Sindku fix-xewqat tiegħu lill-Gudjani kollha.

## Aġġornament

Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal Ġimgħa 08 ta' Jannar 2016 fuq aġenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________